(2) L-applikazzjoni tar-regola ta' preskrizzjoni ta' 30 sena pprovduta fl-Artikolu 195 BGB fir-rigward ta' dritt għal rimbors ta' rifużjoni ta' esportazzjoni indebitament imħallsa, hija kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità tad-dritt Komunitarju?

(3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, l-applikazzjoni ta' terminu ta' preskrizzjoni nazzjonali itwal, fis-sens tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([1]), liema terminu ġie stabbilit minn qorti permezz ta' poter ġudizzjarju ta' emerġenza f'każ partikolari, skont l-iżvilupp ġudizzjarju tad-dritt, hija kompatibbli mal-prinċipju ta' ċertezza legali tad-dritt Komunitarju?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gliwicach (ir-Repubblika tal-Polonja) fit-3 ta' Mejju 2010 — Logstor ROR Polska Sp. z o.o. vs Dyrektorowi Izby Skarbowej w Katowicach**

**(Kawża C-212/10)**

(2010/C 209/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Polakk*

**Qorti tar-rinviju**

Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gliwicach.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Logstor ROR Polska Sp. z o.o.

*Konvenut:* Dyrektorowi Izby Skarbowej w Katowicach.

**Domandi preliminari**

L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital ([1]), emendata fis-17 ta' Ġunju 1985 bl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 85/303/KEE ([2]), tal-10 ta' Ġunju 1985, jippermetti lil Stat Membru li jintroduċi mill-ġdid, fl-1 ta' Jannar 2007, dazju fuq il-kapital fuq self meħud minn kumpannija b'kaptial azzjonarju, jekk il-kreditur ikollu dritt għal sehem mill-qligħ tal-kumpannija, meta l-Istat Membru kien preċedentement irrinunzja għall-ġbir ta' din it-taxxa fid-data tal-adeżjoni tiegħu (fl-1 ta' Mejju 2004)?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1. p. 11.
([2]) Direttiva tal-Kunsill li temenda Direttiva 69/335/KEE rigward taxxi indiretti fuq il-ġbir ta' kapital, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1. p. 122.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (Ir-Renju Unit) fl-4 ta' Mejju 2010 — Pacific World Limited, FDD International vs Commissioners for her Majesty's Revenue u Customs**

**(Kawża C-215/10)**

(2010/C 209/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Pacific World Limited, FDD International.

*Konvenuti:* Commissioners for her Majesty's Revenue u Customs.

**Domandi preliminari**

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1417/2007 ([1]), tat-28 ta' Novembru 2007 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Magħquda huwa validu sa fejn jikklassifika taħt il-kodiċi NM 3926 90 97 id-dwiefer foloz u għaldaqstant, is-settijiet tad-dwiefer foloz deskritti fl-Anness I tal-imsemmi regolament?

(2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, in-Nomenklatura Magħquda għandha tiġi interpretata fis-sens li teħtieġ li, is-settijiet tad-dwiefer foloz inkwistjoni jiġu kklassifikati, bħala "Preparazzjonijiet għas-sbuħija jew għall-irtokk u preparazzjonijiet għall-kura tal-ġilda (minbarra medikamenti), inklużi prodotti għall-ħarsien mix-xemx jew

preparazzjonijiet għas-sun tan; preparazzjonijiet għall-manikjur jew il-pedikjur […] preparazzjonijiet għall-manikjur jew il-pedikjur", taħt is-subintestatura tariffarja 3304 30 00, jew, bħala "Oġġetti oħra ta' pożati (per eżempju, qattiegħi x-xagħar (hair clippers), skieken tal-bejjigħ il-laħam jew tal-kċina, mannari u skieken għall-ikkapuljar, taljakarti); settijiet u strumenti tal-manikjur u tal-pedikjur (inklużi l-limi tad-dwiefer) […] settijiet u strumenti tal-manikjur u tal-pedikjur (inklużi l-limi tad-dwiefer)", taħt is-subintestatura tariffarja 8214 20 00?

(1) ĠU L 316, p. 4.

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża**

**(Kawża C-220/10)**

(2010/C 209/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Guerra u Andrade u S. Pardo Quintillán, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

— tiddikjara li billi r-Repubblika Portugiża:

— identifikat bħala *żoni inqas sensittivi* l-ibħra kostali kollha tal-gżira ta' Madeira u l-ibħra kostali kollha tal-gżira ta' Porto Santo mingħajr ma applikat il-kriterji previsti fl-Anness II tad-Direttiva 91/271/KEE (1), flimkien mal-Artikolu 6(1) tad-direttiva u, b'mod partikolari, mingħajr ma wettqet studji eżawrjenti li jindikaw li l-iskariki rispettivi ma jiddeterjorawx l-ambjent, hija ma implementatx id-dispożizzjonijiet imsemmija tad-Direttiva 91/271/KEE;

— ssuġġettat għal trattament inqas rigoruż minn dak previst fl-Artikolu 4 tad-direttiva, l-ilma urban mormi li jiġi mill-agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ogħla minn 10 000 persuna bħal ma huma l-agglomerazzjonijiet ta' Funchal u ta' Câmara de Lobos, skarikati fl-ibħra kostali tal-gżira ta' Madeira, mingħajr ma wettqet studji eżawrjenti li jindikaw li l-iskariki rispettivi ma jiddeterjorawx l-ambjent, hija ma implementatx l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/271/KEE;

— ma ggarantietx, fir-rigward tal-aggolmerazzjoni ta' Albufeira/Armação de Pêra l-eżistenza ta' sistemi għall-ġbir ta' ilma urban mormi skont kif inhu pprovdut fl-Artikolu 3 u trattament iktar rigoruż minn dak previst fl-Artikolu 4, skont kif inhu pprovdut fl-Artikolu 5 tad-Direttiva, hija ma implementatx l-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 91/271/KEE;

— ma ggarantietx, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Beja, trattament iktar rigoruż minn dak previst fl-Artikolu 4, skont kif inhu pprovdut fl-Artikolu 5, hija ma implementatx l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271/KEE;

— ma ggarantietx, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Chaves, trattament iktar rigoruż minn dak previst fl-Artikolu 4, skont kif inhu pprovdut fl-Artikolu 5 tad-Direttiva, hija ma implementatx l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271/KEE;

— ma ggarantietx, fir-rigward tal-ħames agglomerazzjonijiet tal-estwarju tax-xmara Tejo, Barreiro/Moita, Fernão Ferro, Montijo, Quinta do Conde u Seixal, l-eżistenza ta' sistemi għall-ġbir ta' ilma urban mormi skont kif inhu pprovdut fl-Artikolu 3; ma ggarantietx, f'sitt agglomerazzjonijiet li jiskarikaw fin-naħa tax-xellug tal-estwarju tat-Tejo, Barreiro/Moita, Corroios/Quinta da Bomba, Fernão Ferro, Mintija, Quinta do Conde u Seixal, trattament iktar rigoruż minn dak previst fl-Artikolu 4 skont kif inhu pprovdut fl-Artikolu 5, hija ma implementatx l-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 91/271/KEE;

— ma ggarantietx, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Elvas, trattament iktar rigoruż minn dak previst fl-Artikolu 4, skont kif inhu pprovdut fl-Artikolu 5, hija ma implementatx l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271/KEE;

— ma ggarantietx, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Tavira, trattament iktar rigoruż minn dak previst fl-Artikolu 4, skont kif inhu pprovdut fl-Artikolu 5 tad-Direttiva, hija ma implementatx l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271/KEE;